MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 505/1995/2

**Rita Buhagiar**

**vs**

**John Buhagiar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' April 1995 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-Knisja ta' San Sebastjan, Qormi, fis-6 ta' Settembru 1981 (Dok. "A");

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *inoltre* l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-konvenut ssimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-6 ta' Settembru 1981 huwa null u bla effett fil-ligi;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-6 ta' Settembru 1981 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f' dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent Degeatano datat 27 ta' April 1995 fejn ordna li l-attrici tesebixxi c-certifikat taz-zwieg.

Rat in-nota tal-attrici datata 16 ta' Mejju 1995 li biha gie esebit l-istess certifikat imsemmi a fol. 8 tal-process.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 10 ta' April 1997 fejn il-kawza gie appuntata ghat-30 ta' Gunju 1997.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datati 30 ta' Gunju 1997 u 14 ta' Ottubru 1997.

Rat ir-rikors tal-attrici Rita Buhagiar, datat 2 ta' Ottubru 1997, a fol. 15, fejn talbet lil dina l-Qorti joghgobha tordna n-notifika tal-att fuq indikat wara l-hin legali u f'kaz ta' riferta' negattiva, tordna l-affissjoni *stante* illi l-intimat ghadu ma giex notifkat, lanqas bil-purtier.

Rat id-digriet datat 3 ta’ Ottubru 1997, fejn il-Qorti laqghat it-talba, b’ dan li jigi segwit l-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12**.

Rat il-verbali quddiem l-istess Qorti diversamwent presjeduta datati 25 ta’ Novembru 1997, 5 ta’ Marzu 1998 u 14 ta’ Mejju 1998 kollha ghan-notifika tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Buhagiar, datata 1 ta’ Lulju 1998, a fol. 23, fejn eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi huwa jaqbel illi z-zwieg celebrat fis-6 ta’ Settembru 1981 fil-Knisja ta’ San Bastjan, Hal Qormi bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici u mhux lilu;

2. Illi z-zwieg diga’ gie ddikjarat null mit-Tribunal Ekklesjastiku in Pirma Istanza u qed jistenna l-ezitu tal-appell quddiem is-Sacra Rota f’ Ruma;

3. Illi ghal dawn il-motivi dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat xjolt u null bejn il-partijiet;

4. Illi salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut John Buhagiar u l-lista tax-xhieda a fol. 23 tal-process.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 2 ta’ Lulju 1998, fejn il-Qorti nominat lil Dr. Edwina Chetcuti bhala Perit Legali.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Jannar 1999, fejn il-Qorti nutat li din il-kawza setghet giet ceduta.

Rat il-verbali datati 22 ta’ April 1999, 6 ta’ Lulju 1999, 24 ta’ Jannar 2000 u 21 ta’ Marzu 2000.

Rat il-verbal datat 8 ta’ Novembru 2000 fejn Dr. Francesco Depasquale nfroma lill-Qorti li l-partijiet kienu sejrin jipprezentaw ix-xhieda rispettiva taghhom permezz

ta’ affidavit biex il-Perit Legali sussegwentement tkun tista’ tirrelata.

Rat il-verbal datat 21 ta’ Frar 2001.

Rat il-verbal datat 20 ta’ Settembru 2001, fejn il-Perit Legali Dr. Edwina Chetcuti, nfurmat lill-Qorti li l-partijiet kellhom jipprezentaw ix-xhieda taghhom permezz ta’ affidavit li kienu ghadhom ma sarux.

Rat l-avviz tal-Qorti diversament presjeduta datat 5 ta’ April 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghall-25 ta’ Gunju 2002.

Rat in-nota tal-attrici datata 12 ta’ April 2002, a fol. 38, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha u kopja informi tas-sentenza tal-Konferneza Episkopali Maltija, tat-Tieni Istanza li tqies li z-zwieg huwa null, liema sentenza qieghda tistenna l-konferma mis-Sacra Rota ta’ Ruma.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Gunju 2002, fejn il-Qorti ordnat lil Dr. Edwina Grima nee Chetcuti biex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet u wara tirrelata.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Edwina Grima minn fol. 90 sa fol. 92 tal-process.

Rat il-verbal datat 11 ta’ Dicembru 2002, fejn Dr. Francesco Depasquale ghall-attrici ddikjara li ma ghandux provi aktar. Il-Qorti ordnat lil Perit Legali biex izzomm l-ahhar zewg (2) seduti ghall-provi tal-konvenut sa l-ahhar ta’ Frar 2003 u tirrelata mhux aktar tard mill-10 ta’ April 2003.

Rat il-verbal datat 10 ta’ April 2003, fejn Dr. Edwina Grima bhala Perit Legali nfurmat lill-Qorti li l-provi tal-partijiet jinsabu maghluqa u qed tirredigi r-rapport.

Rat il-verbal datat 28 ta’ Mejju 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Edwina Grima nfurmat lill-Qorti li kienet ser tipprezenta r-rapport f’ dak l-istess jum.

Rat il-verbal datat 23 ta' Ottubru 2003, fejn Dr. Daniela Chetcuti nfurmat lill-Qorti li l-Perit Legali thallset pero', hija ndisposta.

Rat il-verbal datat 29 ta' Ottubru 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Edwina Grima halfet ir-rapport. Dr. Edward Debono u Dr. Francesco Depasquale rrimettew ruhhom ghar-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Edwina Grima li jinstab minn fol. 99 sa fol. 118 tal-process.

Rat il-verbal datat 25 ta' Novembru 2003, fejn Dr. Mark Attard Montalto rrimetta ruhhu ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2004. Dr. Francesco Depasquale esebixxa kopja ta' decizjoni tat-Tribunal Eklessjastiku.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>I) PROVI PRODOTTI</u>

Illi fl-affidavitipprezentat minnha l-attrici **tixhed** u tghid illi hija iltaqghet mal-konvenut meta kellha 22 sena. Oht l-attrici kienet taf il-konvenut fuq ix-xoghol u ghalhekk hi bdiet tohrog mieghu wara li ohtha stess irrangatilha appuntament mieghu u dan kontra x-xewqa tal-istess attrici. Minn hawn huwa beda iwassalha kuljum id-dar wara ix-xoghol. L-attrici tghid li x-xewqa taghha kienet illi tmur *Lay Missioner*, izda wara li kienet kellmet qassis tal-fiducja taghha, Fr. Paul Deguara, huwa kien qalilha li l-missjoni taghha fil-hajja kienet li tressaq dan il-guvni lejn Alla. L-attrici tiddeskrivi lill-konvenut bhala persuna bil-burdati u li jitilaghlu malajr.

Illi l-konvenut kien xufier tal-karozzi tal-linja u l-attrici kienet tiltaqa' mieghu hi u sejra ghax-xoghol. Huwa kien

jiggieled hafna ma' missieru u dan peress li huwa ma kienx jaghtih paga u darba minnhom kien telaq mid-dar u mar jghix ghand zija tieghu Georgina Buhagiar. Wara li rnexxielha tghamilhom paci, l-konvenut mar lura d-dar u kienet wasslithom ghal kompromess li l-paga zzommha hi u dana peress li missieru kien jghid illi l-konvenut ma kienx jibza' ghall-flus u ma kienx kapaci jikkontrollhom. Izda ghalkemm l-attrici kienet izzomm il-flus hi, xorta wahda l-konvenut kien il-hin kollu jitlobha sabiex taghtih. Hija kienet tahseb illi l-konvenut kien jafdaha biex ihallieha zzommlu l-flus. Ma rrealizzatx kemm ma kienx kapaci jamministra l-flus hu.

Illi komunikazzjoni bejniethom ma kienx hemm u l-harga taghhom kienet tkun ghand il-genituri rispettivi taghhom jew ma' xi hbieb. Qatt ma kienu johorgu wahedhom bhala koppja u ghalhekk ma kienux jafu bizzejjed lil xulxin.

Illi meta bdew jaghmlu l-pjanijiet ghaz-zwieg, l-attrici tghid li kienet hadet hsieb kollox hi. Rigward id-dar matrimonjali, huma kienu ddecidew sabiex ghall-ewwel imorru jghixu ma' zijietha li kienet armla u dan sakemm missieru ilestilhom il-post fejn kienu ser joqghodu. L-attrici tghid illi f'dan il-perijodu l-konvenut kien spiss jghidilha li jixtieq imur jaqbez u meta kienet tghid lill-genituri tieghu, kienu iwegbuha, li jekk ried jaghmel dan seta' jaqbad u jmur. Il-helu tat-tieg kienu ghamluh tal-familja tieghu u l-attrici hallset l-ispejjez.

Illi dak in-nhar tat-tieg, il-konvenut kien l-uniku persuna li ma kienx taha daqqa ta' id u minflok mar jorqod. Hija tghid li l-konvenut qatta' hafna mill-hin matul it-tieg jibki, izda hi qatt ma ikkonfermat ir-raguni 'il ghala kien ghamel dan. Ghal *honeymoon*, huma kienu marru Catania flimkien mal-genituri tieghu u zewg hutu zghar. Meta missieru kien jghidilha biex tixtri dak li trid, l-konvenut kien jirrabja ghaliex missieru ma kienx ihallieh jixtri l-affarijiet li ried hu u ghalhekk beda jaqbad maghha u jiksirha kontinwament.

Ili wara z-zwieg huma marru jghixu ghand iz-zija u hi kienet tmur tajjeb maghha, izda il-konvenut kien dejjem

jilmenta dwar missieru. Damu joqghodu ghand iz-zija minn Settembru sa April u dana peress li l-konvenut kellu xi jghid maghha dwar missieru u ghalhekk kellhom jitilqu minn hemm u marru joqghodu ghand ommha. L-attrici kienet tmur darbtejn fil-gimgha tghin lil ommu fil-hasil tal-hwejjeg u tal-art u darba fil-gimgha ghand ommha li kienet ghamja.

Illi l-attrici tiddeskrivi l-hajja sesswali taghhom bhala wahda hazina u dan peress illi huma kien ikollhom x'jaqsmu flimkien meta kien ikollu aptit biss il-konvenut. Peress li hija kellha problemi fizici u cioe' ta' sterilita', kienet tmur ghal kura ghand Mr. Montanaro Gauci li kien gharrafha li min-naha taghha ma kienx hemm problemi biex hija jkollha it-tfal, izda kien issugerixxa illi l-konvenut jaghmel xi testijiet.  Hu rrifjuta jaghmel dan u fil-fatt qatt ma kien imur maghha ghall-vizti.  It-tabib kien anke ta xi pilloli li permezz taghhom hija setghet tinqabad tqila, izda meta kienet tara li l-konvenut ma riedx jaf biha, hija ma baqghetx tehodhom.

Illi l-attrici kellha tohrog tahdem u dan peress li l-konvenut kien jahdem b'mod irregolari, iktar u iktar wara li kienu xtraw dar u kellhom ihallsuha.  Id-dar li xtraw kienet wahda antika u kellha bzonn l-alterazzjonijiet u ghalkemm hutha kienu jmorru sabiex jaghtu daqqa ta' id, il-konvenut qatt ma wera interess biex ighin.  Hija ghalhekk regghet marret lura fl-impieg taghha mad-Dar tal-Provvidenza.

Illi l-attrici tghid li l-konvenut baqa' jbati bil-burdati u kien baqa' isemmi li jrid imur jaqbez u meta hija kienet tistaqsieh x'kien qieghed idejqu hu kien jaqbad jghajjat u jidghi.  Kienet qiesha s-seftura tieghu ssajjararlu u tahsillu. Hija tghid li l-konvenut kien jinhasel darba fil-gimgha fuq insistenza taghha u meta kienet tlestilu l-ikel wara ix-xoghol kien imur id-dar u jghidilha li kien diga' kiel.

Illi l-inkwiet bejniethom kien diga' beda meta huma kienu ghadhom jghixu ghand ommha ghaliex kien jaqla' xenata ghal kull haga ta' xejn u kien jaqbad jidghi u jarmi c-curkett tat-tieg. L-attrici tghid li l-konvenut kien kissirha mentalment, izda dejjem kien jispicca jikkonvinciha illi hu

kellu ragun. Wara li telaq mix-xoghol ma' missieru, kien mar jahdem ma' kugin tieghu Charlie Buhagiar, izda wara ftit xhur kien gab skuza li ma kienx qieghed ihallsu tajjeb u telaq. Wara mar jahdem go *farm*, izda ddejjaq ukoll. Sab impieg ma' certu Sultana bhala *driver*, izda iddejjaq ukoll u dejjem tort taghhom. Sussegwentement, huwa kien sab impieg il-Libya, u ghalhekk kienet tatu Lm200, izda wara tlett gimghat kien irritorna bl-iskuza li ma kenux qed ihallsuh. Sadanittant huwa kien dejjem ighajjarha u jghidilha li wiccha u lehinha qed idejquh u meta kienet tiftah halqha kien ighidliha biex taghlaqlu. Ma setax jissaportiha. Darba kienet xtrat libsa sabiex imorru tieg u hu kien iggieled maghha, izda huwa dejjem xtara dak li ried bhal meta kien xtara vettura tiswa Lm5,000, meta huma kellhom id-dejn xi ihallsu.

Illi meta hija kienet tiftah qalbha ma' ommu u din kienet twissi lill-konvenut sabiex jitratta lil martu tajjeb, huwa kien jispicca jaqla' xenata meta jmorru lura d-dar, tant illi l-attrici spiccat ma tista' tiftah qalbha ma' hadd. Anke meta hija kienet tmur ghand l-*ispirtual director* taghha, huwa kien jaqla' xenata. Anke il-*prayer groups* kellha tieqaf tattendi u dan peress li kien joqghod ighajjarha. Qatt ma kienu johorgu wahedhom, hlief fl-anniversarju u dan peress li dejjem johorgu ma' tal-familja. Meta kienu jkunu ser johorgu huwa kien dejjem jasal tard anke meta kienu jkunu miftiehma mal-hbieb, kien ighidilha biex tmur wahedha, mbaghad jilhaqhom iktar tard. L-attrici tirrakkonta diversi episodji fejn il-konvenut kien jitrattaha hazin u kien anke jispicca jghajjarha w ikisser l-affarijiet anke quddiem in-nies.

Illi meta beda jahdem ma' Vassallo Builders, kien kiser idejh u meta kienu hallsuh tas-*sick leave*, kien qabad u mar xtara katina tad-deheb ghalih. Beda jahdem ma' Meli Garage, izda wkoll kellu l-inkwiet u keccewh. L-imghallem izda thassru ghaliex kellu t-tifel mizzewweg lil oht il-konvenut u rega' accettah lura ghax-xoghol. Hawnhekk l-konvenut beda jaghmel iljieli ma jmurx lura id-dar. Darba kien cempel l-imghallem u kien qallu li Johnny kien beda jibki u qallu li ser imur jaqbez ghaliex in-nies kienu qeghdin ighidu li qed ifttex nisa ohra. L-imghallem spicca

rega' keccieh u dan wara li kien ghamel xi hsara f'xi karozza u kien hebb ghal xi turist b'hadida. Wara dan ir-ragel ta' ohthu kien sablu xoghol ta' *waiter* mal-Jerma Hotel, izda beda johrog ghax-xoghol u jmur lura tard fil-ghaxija, izda wara skopriet illi hu ma kienx qieghed imur ghax-xoghol u dana wara li r-ragel ta' ohtha kien qalilha li rah Hal Qormi.

Illi meta qatghu d-dejn tad-dar hija kienet waqqfet mix-xoghol u dan fuq parir ta' l-*ispirtual director* taghha. Hawnhekk beda jigi l-marixxal id-dar u hi bdiet tissuspetta hazin fih, izda huwa qatt ma ammetta maghha u baqa' jghidilha illi l-*video camera* li kellu kien qalaghha. Wara kien mar *holiday* il-Portugal ma' siehbu u meta wasal lura Malta r-rapporti sesswali ta' bejniethom kwazi spiccaw ghal kollox.

Illi meta spicca minghajr xoghol, huwa qalilha li kien sejjer jahdem barra minn Malta b'paga ta' Lm100 fil-gimgha. Meta telaq, indunat li n-numru tat-telefon u l-indirizz kienu foloz. Ghall-ewwel huwa kien jibghatilha xi ittra, izda wara xi zmien inqata' l-kuntatt u ghalhekk l-attrici kienet marret Dar l-Emigrant sabiex tindaga x'kien gara mill-konvenut. Minn hawn hija saret taf illi l-konvenut kien harab minn Malta. Wara li ghamlet kuntatt ma' Sister Joan li kienet kellmet lil certu Mr.Gauci mill-Ambaxxata Spanjola, hija kienet gharfitha illi l-konvenut kien telaq minn Malta u mar Teneriffe ma' mara ohra. Sussegwentement ghalhekk kienu inbdew il-proceduri ghas-separazzjoni. Wara saret taf li l-konvenut kien jiftahar ma' shabu kemm kien johrog ma' turisti u kien hemm certu Mario Caruana li kien iwissieh dwar l-imgieba tieghu.

Illi l-konvenut ma xehedx f'din l-istanza, izda gew esebieti iz-zewg sentenzi moghtija mit-Tribunal Ekklesjastiku kemm tal-Prim'Istanza kif ukoll tat-Tieni Istanza minn fejn johorgu xhieda ulterjuri dwar iz-zwieg tal-kontendenti. Illi permezz ta' verbal datat 8 ta' Lulju 2002, l-konvenut iddikjara illi huwa qieghed jistrieh fuq is-sentenza moghtija mit-Tribunal Ekklesjastiku tat-Tieni Istanza w iddikjara illi ma ghandux provi ohra x'jipproduci u ma ghandux x'izied

mal-provi hemm migjuba li ghandhom jiffurmaw parti integrali ta' dawn il-proceduri.

Illi fid-decizjonijiet esebiti jinghad li l-konvenut ma kienx xhud kredibbli u dana kif xehdu diversi xhieda fosthom il-membri tal-familja kemm tal-attrici u sahansitra tal-konvenut stess. Fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal, il-konvenut stqarr illi hu u l-attrici kienu jinhabbu u kien ghalhekk li iddecidew li jizzewgu. It-tnejn flimkien hadu hsieb il-preparamenti tat-tieg, kienu it-tnejn kapaci jassumu r-responsabbilitajiet tal-hajja mizzewga w it-tnejn riedu it-tfal mill-unjoni taghhom. Huma kienu jikkunsmaw iz-zwieg taghhom matul qamar il-ghasel minghajr l-ebda problema sesswali. Wara z-zwieg huma marru joqghodu ghand iz-zija tieghu u damu jghixu hemmhekk madwar sena, f'liema perijodu huma kienu koppja kuntenta, izda peress illi inqala' xi inkwiet, huwa iddecida li jitlaq minn ghand zijtu u marru jghixu ghand omm l-attrici. Damu jghixu hemmhekk madwar erba' snin. Huwa jikkontendi illi anke f'dan il-perijodu kienu kuntenti flimkien. Sussegwentement huwa mar jahdem il-Libya u dana ghal madwar sitt xhur. Kien gie moghti Lm200 mill-kumpanija fejn kien jahdem, liema flus huwa kien ghaddihom lil martu. Wara huwa mar jahdem ma' Meli Garage, izda rega' telaq dan l-impieg u mar jahdem gewwa Teneriffe. Ighid illi sa dan il-mument ma kienx hemm problemi bejnu u bejn l-attrici. Il-konvenut ighid illi huwa qatt ma kien jibghat flus lill-attrici minn Teneriffe u dana peress illi *huwa* kien jiktibilha u hi qatt ma kienet twiegbu. Wara disa xhur f'Teneriffe, mar ighix gewwa l-Ingilterra fejn iltaqa' mas-siehba tieghu u mar ighix maghha. F'dan il-perijodu din il-mara li kien qieghed jghix maghha harget tqila u twieldet tifla fil-11 ta' April 1991. Minn dak iz-zmien huwa ma regax mar lura ghand martu l-attrici.

Din hija stampa kemmxejn differenti tal-fatti li taghti l-attrici fix-xhieda taghha, li incidentalment hija l-istess xhieda li hija tat quddiem it-Tribunal. Mill-imsemmija sentenza jirrizulta illi din ix-xhieda tal-attrici giet anke ikkorroborata mix-xhieda kollha prodotti quddiem it-Tribunal. *Inoltre* jirrizulta wkoll illi x-xhieda moghtija mill-konvenut quddiem it-Tribunal tat-Tieni Istanza tikkontradixxi f'partijiet minnha

dik moghtija minnu stess quddiem l-Ewwel Istanza. Is-sentenza ticcita bhala ezempju il-parti tax-xhieda fejn l-konvenut quddiem l-Ewwel Istanza jghid illi waqt l-eghrusija hu u Rita kienu iggieldu w anke infirdu ghal xi zmien filwaqt illi fix-xhieda quddiem is-Sekonda Istanza huwa jichad illi din il-glieda qatt sehhet. Huwa jikkontradixxi lilu innifsu wkoll rigward il-problemi fisici li kellha l-attrici u l-ewwel ighid illi kien dejjem imur maghha ghand it-tabib u l-ginekologu, izda sussegwentment ibiddel il-verzjoni tieghu u jilmenta illi l-attrici qatt ma tatu indikazzjoni ta' dak li kien ighidilha t-tabib meta kienet tmur ghall-vizti.

Illi rigward l-aspett finanzjarju fiz-zwieg tal-kontendenti, l-konvenut jixhed quddiem it-Tribunal illi m' huwiex minnu illi l-attrici riedet tohrog tahdem sabiex taqta' d-dejn li kien hemm fuq id-dar, u li hu kien dejjem jiehu hsieb ihallas dan id-dejn, izda t-Tribunal jikkonstata illi dan ma setax kien minnu tenut kont tal-fatt illi l-konvenut kien jaghmel perijodi twal minghajr xoghol u illi meta kien jahdem il-paga tieghu ma kinitx tkun wahda gholja.

Illi anke rigward l-infedelta' tieghu, jidher illi harget certa diskrepanza fix-xhieda u dan ghaliex filwaqt illi l-konvenut jghid li meta mar jahdem Teneriffe, huwa kien wahdu u kien iltaqa' mas-siehba tieghu meta mar jghix l-Ingilterra, minn informazzjoni moghtija lill-attrici minn ufficjali tal-Ambaxxata Spanjola jirrizulta illi l-konvenut kien telaq minn Malta diga' akkompanjat minn din il-mara.

Illi anke r-ragunijiet li jaghti l-konvenut 'il ghala huwa ma baqax jibghat flus lill-attrici jidhru illi huma wkoll inveritieri ghaliex ghalkemm huwa jghid li ma baqax jibghatilha flus minhabba l-fatt illi kien jibza' li martu ma tircevihomx, jidher li gew esebiti l-ittri li kien jibghat il-konvenut lil martu fejn huwa kien l-ewwel qalilha li l-kumpanija fejn kien jahdem ma kienux hallsuh, imbaghad f'ittra ohra huwa jghid li kien ma jiflahx u kellu jigi rikoverat l-isptar fejn huwa kien nefaq hafna flus sabiex jaghmlulu xi testijiet.

Illi jidher illi it-tfulija w iz-zmien tal-adolexxenza tal-konvenut ma kienx xi wiehed felici. Huwa kien it-tieni wild

f'familja ta' ghaxart itfal. Missieru kien iddixxiplinat hafna mieghu u kien hemm okkazzjonijiet fejn anke uza vjolenza fuqu. Minhabba f'dan meta kien qieghed jikber spiss kien jiggieled mieghu. Jghid li missieru kien jikkastigah hafna izda ommu kienet tfisdu. Wiehed minn hutu kien miet ta' sittax-il (16) sena wara incident stradali. Dana gara meta l-konvenut kellu tlettax-il (13) sena. Ovvjament dan l-incident halla l-effetti tieghu fuq ir-relazzjoni li kien hemm bejn il-genituri u l-ulied l-ohra, tant illi l-omm kienet anke tispicca tiddejjen il-flus basta tikkuntenta lil uliedha f'kollox. Dan effetwa l-formazzjoni tal-karattru tal-konvenut. Il-konvenut ma ghandux livell ta' edukazzjoni gholja u lanqas biss kien spicca l-iskola. Huwa kien imur l-iskola, izda ma kien jitghallem xejn ghaliex kien imur biex joqghod jilghab u jaqla' l-inkwiet. Fil-fatt huwa ghadu sal-gurnata ta' llum ma jafx jikteb sew.

Illi l-konvenut kien beda jahdem ma' missieru fuq il-karozzi tal-linja. Huwa kien jiggieled spiss ma' missieru tant illi l-missier kien jispicca keccieh mid-dar u l-konvenut kien imur jghix ghand zijuh. Fil-fatt huwa ma kien jaqbel ma' hadd mill-familja tieghu. Mix-xhieda ta' xi gara tal-familja tal-konvenut jirrizulta illi l-konvenut minn mindu kien tifel zghir kien rasu iebsa u minghajr kontroll. Hija tirrakonta episodju meta semghet hafna ghajjat fit-triq u meta harget titawwal mit-tieqa sabiex tara x'kien gara, hija rat lil hutu kollha isawtu lill-konvenut. Meta hija wissiethom biex jieqfu, huma wegbuha illi kien haqqu dana minhabba fl-inkwiet kbir li kien qieghed jaqlalhom. Anke zijtu tiddeskrivieh bhala bniedem immatur, b'mentalita ta' tifel zghir. Fil-fatt jidher illi anke l-konvenut fix-xhieda quddiem it-Tribunal jammetti dan meta jghid illi huwa rasu iebsa w irid jakkwista dak kollu illi jixtieq.

Illi n-nies kollha li taw ix-xhieda taghhom quddiem it-Tribunal fosthom anke hut l-konvenut u ommu stess, jghidu li l-konvenut ma kienx bniedem responsabbli. Huwa ma kienx kapaci jamminsitra l-flus u kien jonfoq kull sold li kien ikollu f'idejh. Rigward l-impiegi tieghu, huma jghidu illi l-konvenut kien jispicca jitkecca minn kull post tax-xoghol fejn kien impjegat, jew inkella kien jispicca jieqaf imur ghax-xoghol. Kien traskurat u ma kienx

jippjana ghall-futur. Huwa deskritt bhala bniedem egoist u jitilghlu malajr.

Illi jidher *inoltre* illi bosta nies kienu wissew lill-attrici sabiex ma tizzewwigx lill-konvenut minhabba f'dan il-karattru tieghu w il-problemi li kellu, inkluzi il-membri tal-familja tal-konvenut stess. Matul il-hajja mizzewga tal-kontendenti, *inoltre*, kien hemm diversi xhieda illi semghu l-glied kontinwu bejniethom fosthom hu l-attrici u dana sa mill-ewwel xhur taz-zwieg taghhom. Jixhdu illi l-konvenut qatt ma rispetta lil martu, ma kienx jikkomunika maghha u kien jitrattaha hazin qiesha s-seftura tieghu. Kien dejjem jaghti t-tort lilha ghal kull ma kien jigri. Huwa dejjem kien ikollu ragun.

Illi fir-rapport tal-espert psikologiku nominat mit-Tribunal Ekklesjastiku tas-Sekonda' Istanza, kif rapportat fis-sentenza (Dok. "B"), jinghad:-

"*John has a weak self image, he feels fragile and inadequate and has childlike impulses. He is cognitively naïve and distracted. He has confusing undercurrents of sadness and anger. He has limited emotional evolvement. At times he is also impulsive. He also projects his own inadequacies on to others;*

*John Buhagiar definitely suffers from a personality disorder. His personality structure is very complex, as pointed above. The family environment and his upbringing were conducive to the severity of his disorder;*

*His cognitive and volitive faculties were restricted to an object relationship. He could not understand an intimate personal relationship. In spite of Rita's efforts to approach John under several aspects of intimacy, John failed to build an intimate relationship with Rita during their married life."*

## II) PRINCIPJI LEGALI.

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qieghda tibbaza t-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg ghal

diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19 (1) tal-Att Dwar iz-Zwieg** u precipwament ghal dak li hemm previst fis-sub-inicizi **(1) (d)** u **(1) (f)** u cioe' illi l-kunsens tal-konvenut kien issimulat u li l-konvenut ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega ghal hajja mizzewga u ma kienx kapaci jassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg minhabba anomalija psikologika li kien qed ibati minnha.

Illi l-konvenut jaqbel illi iz-zwieg iccelebrat bejnu u bejn martu huwa null, izda dan ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici.

**<u>L-artikolu 19(1) (d):</u>**

Illi zwieg ikun null, taht din id-disposizzjoni tal-ligi:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”*

Illi minn gurisprudenza kostanti jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali m’huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa kuntratt *sui generis* u ta’ ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f’kuntratt ta’ zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita’ li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta’ dak li igib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu:-

“*Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita’ intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita’ di mente e di liberta’ dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita*.” **(Forum 1990. Vol.I.** part 1, pg.72)

Illi l-kuncett tad-*discretio iudicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi iz-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi w id-drittijiet konjugali kemm fil-present kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Louise Vella nee Calleja vs Louis Vella",** deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (Cit.Nru. 1822/01RCP) gie deciz is-segwenti:-

*"Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. … Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirttura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg".*

Illi fl-istess sentenza jinghad:-

*"Illi ghalhekk biex ikun hemm nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali".*

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 gie studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila tal-***Pompedda*** gie affermat li:-

"*In ogni caso i nubenti debbono avere conoscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole*."

Illi l-istess sentenza tidhol fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

"*La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva … La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, dell'emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro*."

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (deciza 14 ta' Awwisu 1995), gie enuncjat is-segwenti:-

"*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that*

*is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within*."

Illi s-**subiniciz (1) (d)** jaghti bazi ohra ghan-nullita' taz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens u cjoe' anomalija psikologika. Din trid tkun wahda serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza hawn fuq citata:-

"*Inkapacita jew impossibilita vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta' anomalija psikologika serja indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp psikjatriku jew ta' psikologija tintakka sostanzjalment il-kapacita' di intendere e/o di volere".*

Illi fis-sentenza hawn fuq citata, **"Louise Vella vs Louis Vella"**, gie precizat li:-

*"Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad- dritt kanoniku (Can.1095(3)), tirrikjedi mhux semplici diffikulta', izda impossibilita li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi finalment jinghad li ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni w it-trobbija tal-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk ikkreat ma jistax ikun wiehed validu. Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et.noe"**. (Cit.Nru. 2443/97RCP) gie deciz:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap.255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma 'the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseperable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characterisitics.' **(Viladrich, P.J.** Op.Cit., p.687)".*

**<u>L-ARTIKOLU 19 (1) (F).</u>**

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt, specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' jghid li z-zwieg jibda' jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom.

Illi l-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu **"El Nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali:-

*"Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l'incontro di diverse volonta in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta' di un uomo*

*e di una donna in ordine alla cotituzione dello stato coniugale."*
Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Il-problema hija meta wiehed jista' jghid li l-kunsens ikun gie simulat. Fil-fatt jista' jinghad b'certu liberta' li jekk il-kunsens intern ta' persuna ma' jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni tal-istess, jew jekk dak li persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju li dik l-agir uman huwa wiehed ta' simulazzjoni.

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta' nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta."* ***(J.F.Castano*** **– Il sacramento del matrimonio).**

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tal-ulied, jew l-eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju li l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi li biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed li jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni posittiva. Dan ifisser li l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta

jkollha l-volonta w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju li tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun li mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.* **(*O.Giacchi* – Il consenso matrimoniale canonico).**

Illi dan is-subartikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Marzu 2000 (Cit.Nru. 1019/98RCP) u qed issir ampja referenza ghal principji legali enuncjati fl-istess decizjoni.

Illi '*noltre* f'sentenza fl-ismijiet **"Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella"** deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (Cit.Nru. 1822/01RCP), gie kkonfermat u ri-affermat is-segwenti u dana b'referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **"Theresa Taguri vs Avukat Christopher Cilia et. noe"**:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perijodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghad-decizjonijiet **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** – (P.A. (RCP) deciza l-1 ta' Frar 2001; **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** – (P.A. (RCP) deciza 08.11.2000; **"Carmen El Shimi vs Ibrahim El Shimi"** - (P.A. (NA) deciza 20 ta' Gunju 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** – (P.A.

(RCP) deciza 30 ta' April 2002) fost ohrajn fejn ilkoll jittrattataw fuq dan is-subartikolu.

## III) Apprezzament tal-provi.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina dawn id-disposizzjoni tal-ligi fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi kif diga' nghad iktar 'il fuq jirrizulta mix-xhieda prodotti li l-konvenut kien bniedem immatur, rasu iebsa, egoist u irresponsabbli. Dan il-karattru nibet fih minn mindu kien tifel zghir u x'aktarx isib sfond fi tfulitu w is-snin tal-addolexxenza, tant illi missieru kellu jezercita dixxiplina zejda fuqu sabiex jipprova jzommu f'postu. Min-naha l-ohra l-omm kienet tfisdu u taghtih kull ma irid, biex b'hekk huwa dejjem kien ikun irid jakkwista dak li jixtieq akkost ta' kollox anke jekk ma kienx ikun hemm bizzejjed flus sabiex jaghmel dan.

Illi jidher li dan il-karattru baqa' mieghu kemm matul il-perijodu tal-gherusija mal-attrici, kif ukoll fil-hajja mizzewga tieghu tant li huwa qatt ma refa' ir-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga. Jidher li huwa qatt ma kien is-sieheb fiz-zwieg mal-attrici. Ma kienx jirrispettaha, jitrattaha hazin, jghajjarha u lanqas jikkomunika maghha. Mill-flus kien ihallieha nieqsa tant illi l-attrici spiccat kellha tohrog tahdem sabiex jinqata' d-dejn fuq id-dar matrimonjali. Kien jigdeb kontinwament u jivvinta stejjer sabiex jghatti l-hazin tieghu.

Illi lanqas ma jidher li kien jirnexxielu jzomm impieg fiss u dan ghaliex wara ftit kien ikollu l-inkwiet fuq il-post tax-xoghol, jew kien jiddejjaq u jitlaq. *Del resto* kif fl-ahhar spicca ghamel mal-attrici stess, li meta jddejjaq, qabad il-hwejjeg, ippakja u telaq minn Malta sabiex jaqbad relazzjoni ma' mara ohra li minnha eventwalment jidher illi kellu tarbija.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi jidher car li l-konvenut ma kellu l-ebda interess jibni relazzjoni matrimonjali mal-attrici, lanqas kien juri interess li jikkomunika maghha.

Tfal ma riedx u lanqas kien juri interess sabiex ikollu l-ulied miz-zwieg, tant illi fl-ewwel lok jidher illi kien hemm nuqqas ta' interess fir-relazzjoni sesswali tieghu ma' martu, u fit-tieni lok, jidher ukoll illi huwa ma wera l-ebda interess sabiex isolvi l-problema ta' sterilita' li kienet tezisti bejn il-koppja. Rigward l-aspett finanzjarju, kif diga' gie puntwalizzat, kienet l-attrici li kellha tiehu hsieb kollox, inkluz il-hlas tad-dejn tad-dar matrimonjali. Kien biss mohhu biex jonfoq il-flus fl-affarijiet li kien jixtieq hu, filwaqt li kien jirrabja meta l-attrici kienet tghidlu li kellha bzonn tixtri xi haga ghaliha innifisha. *Inoltre* anke rigward xoghol, lanqas kien kapaci izomm impieg fiss u kien bniedem irresponsabbli anke f'dan ir-rigward.

Illi jinghad ukoll li mir-rapport tal-espert psikologu li jinsab inkorporat fis-sentenza tat-Tribunal Regjonali tas-Sekonda' Istanza, li l-partijiet qabblu li ghandha taghmel stat ta' prova f'din il-kawza, jidher illi l-konvenut qieghed fil-fatt ibati minn difetti fil-personalita' tieghu tant li huwa ma jista' qatt jifforma dik il-maturita' affettiva u ta' gudizzju necessarji ghal kuntratt taz-zwieg. Minn dan ghalhekk jirrizulta illi l-konvenut kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u *inoltre* li ma kienx kapaci jerfa' ir-responsabilitajiet li jgib maghha il-hajja taz-zwieg u ghalhekk jirrizulta li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi meta wiehed jezamina, min-naha l-ohra l-provi migbura abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** ghalkemm jinghad u jigi kkonfermat li mill-ezami tal-provi prodotti jirrizulta car illi l-konvenut ma kellux il-kapacitajiet necessarji sabiex jghix u jikkometti ruhhu ghall-kuntratt taz-zwieg mal-attrici, madanakollu, huwa difficli biex jigi stabbilit x'kienet l-intenzjoni tal-konvenut fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ghalkemm il-komportament tieghu matul il-hajja taz-zwieg jista' jkun indikattiv ta' dan.

Illi din il-Qorti thoss li madanakollu provi konklussivi dwar dan l-aspett tal-azzjoni attrici ma ingiebux f'dan ir-rigward u l-Qorti ma tistax ghalhekk tasal ghall-konkluzjoni illi fil-

mument tal-ghotja tal-kunsens matrimonjali, il-konvenut kien qieghed jeskludi z-zwieg bhala kuntratt fit-totalita' tieghu jew inkella li kien qieghed jeskludi xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Illi fi kliem iehor mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-kunsens tal-konvenut kien b'xi mod simulat.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti hija tal-fehma illi z-zwieg illi gie ccelebrat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Settembru 1981 huwa null u bla effett fil-ligi u dana peress illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat abbazi ta' dak dispost fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Settembru 1981 huwa null u bla ebda effett legali abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------